**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 20 ta' Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Oriana Spiteri)**
**vs**
**Mohamed Rajab Ali Alsagheer**

**Kumpilazzjoni Numru: 109/2020**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mohamed Rajab Ali Alsagheer, ta' 27 sena, bin Rajab Alsagheer, imwieled Libya nhar id-09 ta' Gunju 1992, indirizz mhux maghruf, detentur tal-passaport bin-numru HHR7R14Z u detentur tan-numru tal-Pulizija 18358/15.

Akkuzat:-

1. Talli fix-xahar ta' Jannar 2020 u Dicembru 2019 gewwa Bormla, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jew fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda

2. Talli bejn l-10 ta' Jannar 2020 u l-15 ta' Jannar 2020 gewwa Bormla, ikkommetta serq li jammonta ghal mhux aktar minn €2,329.37 minn go dghajsa bl'isem ta' Mec One u dan ghad-dannu ta' Stephen Curmi u/jew persuni ohra.

3. U aktar talli bejn l-01 ta' Dicembru 2019 u l-24 ta' Dicembru 2019 gewwa Bormla, ikkommetta serq li jammonta ghal aktar minn €2,329.37 minn go dghajsa b l'isem ta' Nuvola Blu u dan ghad-dannu ta' Patrick Camilleri u jew persuni ohra.

4. U aktar talli bejn il-21 ta' Dicembru 2019 u l-24 ta' Dicembru 2019 gewwa Bormla, ikkommetta serq li jammonta ghal aktar minn €2,329.39 minn go dghajsa bl'isem ta' Manniamnesia u dan ghad-dannu ta' Joseph Grech u/jew persuni ohra.

5. U aktar talli bejn l-14 ta' Dicembru 2019 u d-19 ta' Dicembru 2019 gewwa Bormla, ikkommetta serq li jammonta ghal aktar minn €2,329.39 minn go dghajsa bl'isem ta' Francesca u dan ghad-dannu ta' Edward Camilleri u jew persuni ohra.

6. U aktar talli bejn l-01 ta' Dicembru 2019 u 24 ta' Dicembru 2019 ikkommetta hsara ta' natura volontarja fuq dghajsa bl'isem ta' Nuvola Blu u dan ghad-dannu ta' Patrick Camilleri u jew persuni ohra.

7. U aktar talli bejn il-21 ta' Dicembru 2019 u l-24 ta' Dicembru 2019 ikkommetta hsara ta' natura volontaja fuq dghajsa bl'isem ta' Manniamnesia u dan ghad-dannu ta' Joseph Grech u jew persuni ohra.

8. U aktar talli bejn l-14 ta' Dicembru 2019 u 19 ta' Dicembru 2019 ikkommetta hsara ta' natura volontarja fuq dghajsa bl'isem ta' Francesca u dan ghad-dannu ta' Edward Camilleri u jew persuni ohra.

9. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkustanzi rrenda ruhu recediv ta' ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mghotija fil-konfront tieghu mill-qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f'l-artikoli

- 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 261(b)(c)(e)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 263(a), 264(1), 267, 269(e) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali

Semghet it-trattazzjoni dwaril-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi qabel l-Qorti tghaddi ghal kunsiderazjoni dwar il-piena ghandhom isiru xi osservazzjonijiet dwar r-reati li jemergu mill-imputazzjonijiet kid dedotti fic-citazzjoni, u l-artikolu li indika l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju bhala dawkid-dispozizzjonijiet tal-Ligi li tahthom tista; tinstb htija.

Illi mill-imputazzjonijiet numerati tnejn, tlieta u erbgha kif dedotti fic-citazzjoni jemergi r-reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-lok, dan l-ahhar aggravju stante li s-serq sar minn dghajsa u ghalhekk minn *fuq bastiment jew biċċa oħra ta' fuq il-baħar li jkunu rmiġġati* u dan fit-termini ta'l-artikoli 261(e) u 269(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali kwota l-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264(1), 267, 269(e) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk serq aggravat bil-mezz: l-artikoli 261(b), 263(a) u 264(1); bil-valur: l-atikoli 261(c) u 267; bil-lok: l-artikoli 261(e) u 269(e); u bil-hin: l-artikoli 261(f) u 270.

Illi mis-suespost huwa car li fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju l-imputat gie addebiet b'zewg aggravji ghar-reati ta' serq li ma kienux inkluzi f'l-imputazzjonijiet kif dedotti fic-citazzjoni.

Illi dwar in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali u l-mod kif din in-nota tiddefinixxi jew tirridimensjona l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' persuna imputata, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali esprimiet ruhha hekk:

> *Meta, ...., ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-*

*Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involu f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.*[1]

Illi b'l-inkluzjoni ta' l-artikoli 261(b), 261(f), 263(a), 264(1) u 270 fin-nota ta' l-Avukat Generali l-addebieti fil-konfront ta' l-imputat saru aktar oneruzi u jirreferu ghal reati li ma saritx kumpilazzjoni dwarhom, ghalhekk kontra l-principju affermat fis-sentenza fuq kwotata.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-aggravji (ghar-reati ta' serq) dwar mezz u hin naxxenti minn dawn l-artikoli.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni tieghu ghalkemm f'dan l-istadju.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ultertjuri ta' l-aggravji, ghar-reati ta' serq, dwar mezz u hin elenkati fin-nota ta' rinvijiu ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261(c)(e), 267, 269(e), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-impmutat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu (minghajr l-aggravji dwar mezz u hin) u tikkundannah **erbghin (40) xahar priguneri ja**. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikundanna lill-imputat biex **ihallas lir-Registraur ta' din il-Qorti s-somma ta' elf u tmienja u hamsin Euro u erbgha u tlettin centezmu (€1058.34)** rapprezentanti spejjez rinkorsi in konessjoni mal-hatra ta' esperti. Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin li l-imputat jinghata kull ghajnuna kontra l-vizzju tad-droga.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

---

[1] Ref Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 7 ta' Jannar 2001.